# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Illum il-Gimgha 5 ta' Lulju 2019**

**Rikors numru 110/19 AE**

**Stephanie Pisani**

**v.**

**Jason Scicluna**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Jason Scicluna fejn qed jitlob ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni a bazi tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; din it-talba giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghaliex il-kawza fil-mertu giet gia' deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili izda sar appell mis-sentenza moghtija minn dik il-Qorti.

Naturalment il-kontro-parti qed topponi ghal din it-talba.

Ikkonsidrat;

Illi dan il-mandat inhareg fl-2017 u permezz tas-sentenza msemmija li nghatat fl-24 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrent kien ikkundannat ihallas is-somma ta' €41,974.68; l-istess rikorrenti ddepozita taht l-awtorita` tal-Qorti s-somma komplessiva msemmija permezz ta' zewg depoziti li saru f'dati differenti – wiehed mill-bank sekwestratarju u l-iehor mill-istess Scicluna mal-ghoti tas-sentenza appellata.

Ir-rikorrenti jsostni li ladarba hemm il-flus depozitati l-qorti, ma ghadx hemm lok ghal dan il-mandat ta' inibizzjoni. L-intimata qed tirrispondi li hija ma ghandhiex il-garanzija li m'hemmx kredituri ohra u wkoll li l-flus depozitati jaghmlu tajjeb biss ghas-sorte minghajr ma jittiehded kont tal-ispejjez u l-imghaxijiet.

Klf qalet din il-Qorti fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Spiteri v. Darmanin** (25 ta' Awwissu 2010) *Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt ta' min iżomm quddiem għajnejh li, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima facie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-*

*mertu l-kwistjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat.*

L-istess Qorti f'dawk il-proceduri qalet ukoll *Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat****, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*

Il-Qorti llum stess qed taghti provvediment rigwardanti mandat ta' sekwestru li nhareg mill-intimata kontra r-rikorrenti u ghalhekk taghmel riferenza ghal dak il-provvediment. Biss jinghad li f'dak il-provvediment il-Qorti ddikjarat li *l-intimata ghandha ragun li flus depozitati ma jaghmlux tajjeb ukoll ghall-imghaxijiet u spejjez u ghalhekk se tilqa' t-talba purke' r-rikorrenti jiddepozita taht l-awtorita tal-Qorti somma ulterjuri ta' hames telef euro*.

F'dan il-mandat ir-rikorrenti gie inibit milli jbiegh tlett propjetajiet u cioe` garage, fond urban numru 200/201 Triq il-Kbira Zabbar u terran fi Triq Felic Zabbar.

Il-Qorti jidhrilha li dan huwa eccessiv fic-cirkostanzi u in vista wkoll tal-mandat ta' sekwestru u l-flus depozitati, tilqa' t-talba fir-rigward tal-garage u t-terran u zzommu ferm fir-rigward tal-fond l-iehor.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet kontenuti fir-rikors fir-rigward tal-garage Triq Tommaso Dingli Zabbar u t-terran numru 82 (gia' 14) Triq Felice Zabbar, izda zzomm l-istess mandat ferm fir-rigward tal-fond 200/201 Triq il-Kbira Zabbar – spejjez ta' din il-procedura bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm